

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-22 ta' Settembru 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari ta' Bayerischer Verwaltungsgerichtshof – il-Ġermanja) – Breitsamer und Ulrich GmbH & Co. KG vs Landeshauptstadt München

(Kawża C-113/15) ⁽¹⁾

Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Direttiva 2000/13/KE — Ittikkettjar u preżentazzjoni tal-prodotti tal-ikel — Artikolu 1(3)(b) — Kunċett ta' “[prodotti tal-ikel] li digħi huma mballeġġati” — Artikolu 2 — Informazzjoni u protezzjoni tal-konsumaturi — Punt 8 tal-Artikolu 3(1) — Post ta' l-oriġini jew tal-provenjenza ta' prodott — Artikolu 13(1) — Ittikkettjar ta' [prodotti tal-ikel] ippakkjati minn qabel — Artikolu 13(4) — Imballaġġ jew reċipjenti li l-akbar wiċċi tiegħi għandu area ta' anqas minn 10cm² — Direttiva 2001/110/KE — Punt 4 tal-Artikolu 2 — Indikazzjoni tal-pajjiż jew pajjiżi ta' oriġini tal-għasel — Porzjonijiet individuali tal-għasel issigilati f'kaxxi tal-kartun multipli kkonsenjati lil mass caterers — Porzjonijiet individuali mibjugħa separatament jew offerti lill-konsumatur finali fil-kuntest tal-kompożizzjoni ta' ikliet ippreparati mibjugħha għal prezzi fiss — Indikazzjoni tal-pajjiż jew pajjiżi ta' oriġini ta' dan l-għasel

(2016/C 419/19)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bayerischer Verwaltungsgerichtshof

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Breitsamer und Ulrich GmbH & Co. KG

Konvenut: Landeshauptstadt München

fil-preżenza ta': Landesanwaltschaft Bayern

Dispożittiv

L-Artikolu 1(1)(b) tad-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Marzu 2000, fuq l-approsimazzjoni ta' ligiġiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' tikkettjar, preżentazzjoni u riklamar ta' [prodotti tal-ikel], għandu jiġi interpretat fis-sens li jikkostitwixxu “[prodotti tal-ikel] li digħi huma mballeġġati” kull waħda mill-porzjonijiet individuali tal-għasel ippreżentata taħt il-forma ta' tazzi magħluqa minn għatu tal-aluminium issiġillat u li huma ppakkjati f'kaxxi tal-kartun multipli li jitwasslu lil mass caterers, meta dawn tal-aħħar jbiegħu dawn il-porzjonijiet separatament jew joħoffruhom lill-konsumatur finali fil-kuntest tal-kompożizzjoni ta' ikliet ippreparati mibjugħha bi prezzi fiss.

(¹) ĠU C 198, 15.06.2015.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ġħaxar Awla) tal-21 ta' Settembru 2016 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju ta' Spanja

(Kawża C-139/15 P) ⁽¹⁾

(Appell — Fond ta' koeżjoni — Tnaqqis tal-għajnuna finanzjarja — Proċedura ta' adozzjoni tad-deċiżjoni mill-Kummissjoni Ewropea — Eżistenza ta' terminu — Inosservanza tat-terminu stabbilit — Konsegwenzi)

(2016/C 419/20)

Lingwa tal-proċedura: l-Ispanjol

Partijiet

Appellant: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: S. Pardo Quintillán u D. Recchia, aġġent)